*Tiftix minn* Guido Lanfranco *dwar...*

# Il-Kliem "*Non Gode...*" mal-Knejjes tal-Kampanja u l-Immunità Ekkleżjastika




Mal-faċċata ta' xi knejjes tal-kampanja għadna naraw irħama bi kliem Taljan: *NON GODE L'IMMUNITÀ ECCLESIASTICA*. Din tfisser li dik il-knisja ma tgawdix l-immunità jew protezzjoni tal-Knisja. L-irħama nsibuha normalment mal-faċċata tal-knejjes imma hemm eċċezzjonijiet bħalma naraw waħda ħdejn il-bieb tat-torri ta' San Luċjanu li ġewwa kellu l-kappella u fil-knisja ta' Santa Margerita ta' Burmarrad ħdejn Wied Għajn Riħana li għandha l-irħama ġewwa għax, meta bnewlha l-faċċata ġdida aktar 'il barra biex kabbruha, l-irħama ngħalqet ġewwa.

## X'kienet l-immunità?

Hawn Malta fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann kellna tliet awtoritajiet: l-istess Kavallieri li rrenjaw fuq il-poplu Malti, l-Isqof kap tal-Knisja ta' Malta u l-Inkwiżitur li kien rappreżentant tal-Papa. It-tlieta kellhom il-qorti u l-ħabs tagħhom, palazzi, knejjes, bini, impjegati u familjari privileġġjati u allaħares wieħed jirfes fuq l-ieħor bla permess jew jaġixxi kontra xi impjegat, membru jew familjar li mhux tiegħu. Din is-sitwazzjoni kienet iġġib ħafna tilwim bejniethom u, billi t-tlieta kienu ta' bażi reliġjuża, it-tlieta kienu jappellaw Ruma biex jaqtgħu l-kwistjonijiet. L-Isqof Gaspare Gori Mancini kien mar Ruma biex jiddefendi l-immunità tiegħu f'waħda mill-kwistjonijiet u spiċċa miet hemm.[1]

Il-Knisja ta' Ruma kienet daħħlet il-kunċett tal-immunità, bi ftehim mar-renjanti taż-żmien li bih il-Knisja u n-nies kollha assoċjati magħha kellhom privileġġi, fosthom li l-awtorità ċivili ma setgħetx tirregola jew tixli 'l membri tagħha. Kien hemm għadd ġmielu ta' Maltin li kienu jidħlu kjeriċi minuri, jiġifieri bħal qassisin li ma jamministrawx is-sagramenti, u bosta kienu wkoll miżżewġin, biex jeħilsu mid-dmirijiet sekulari ta' lieva u obbligi oħra ta' għassa, difiża u qrati.[2] Ukoll is-sagristani ta' ċerti knejjes tal-kampanja kienu jgawdu immunità fil-konfront tal-obbligi ċivili jekk il-knisja li kienu jżommu kien ikollha mill-anqas żewġ quddisiet fil-ġimgħa. Il-knisja ta' San Filippu u San Ġakbu




*L-irħama fuq il-faċċata tal-Kappella ta' San Nikola fil-limiti ta' Ħaż-Żabbar*

limiti tan-Naxxar, ma kienx instab sagristan malajr għax fiha kienet issir quddiesa waħda biss, għalhekk is-sagristan ma kienx ikollu privileġġi.[3]

## Kriminali protetti

Dan kollu kien ta' xkiel għall-amministrazzjoni ta' żmien l-Ordni, imma l-Knisja ta' Ruma kellha ħaġ'oħra li żiedet ma' dan il-għawġ. Sa mill-Medju Evu l-poplu tal-Ewropa, inkluża Malta, kien ibati ħafna taħt ir-renjanti, sidien, u dittaturi oħra fuq l-art u l-baħar. Nies ta' kull xorta għal kull ħaġa ta' xejn kienu jkunu torturati, mixħutin il-ħabs jew kundannati għall-mewt. Il-Knisja ta' Ruma espandiet il-kunċett ta' immunità billi ddeċidiet li kull min jaħrab minn idejn il-liġi, mill-ħabsijiet, xwieni, galeri, jasar u oħrajn u jidħol f'art jew f'bini tal-Knisja, bħal knejjes, sptarijiet u kunventi, dan ħadd ma kien ikun jista' għalih, u lanqas jista' jinħareġ bil-forza mill-awtorità lajka.

Bħala prinċipju ma kinitx idea ħażina, anzi kienet att ta' karità mal-batut ġenwin li jaħrab mill-moħqrija, imma l-bniedem mis-seba' jieħu l-id u bdew jidħlu jistkennu fil-knejjes tal-kampanja u parrokkjali mhux biss il-batuti ġenwini imma wkoll il-kriminali qattiela u ħallelin biex jaħarbu l-ġustizzja. Kieku ma kienx hawn ħafna knejjes, il-problema kienet tkun inqas, imma kien hawn aktar minn 300 knisja u dan kollu ggrava s-sitwazzjoni tal-pajjiż u nħolqot diżordni u anarkija sħiħa.[4] Diversi papiet ippruvaw jikkontrollaw din il-problema, bħal Girgor XIV, Beneditt XIII u Klement XII, billi llimitaw l-immunità ekkleżjastika għal każi li mhumiex gravi biex ma jipproteġġux il-kriminal imma xorta baqgħu ħafna konflitti.[5]



*L-isptar tal-Ordni*

Għalkemm kulħadd kien jammetti li din l-immunità eżaġerata kien jinħtieġ titrażżan it-tliet awtoritajiet f'Malta baqgħu jinsistu u jimpikaw fuq id-drittijiet u l-privileġġi. Meta mill-uffiċjali tal-Ordni ħarġu wieħed bonavolja b'forza mill-grotta ta' San Pawl tar-Rabat, l-Isqof ipprotesta.[6] L-Ordni sikwit kienet tikser din l-immunità tal-Knisja għaż-żamma tal-ordni f'każi estremi u perikli meta ma kienx hemm triq oħra; ukoll l-Inkwiżitur ipprotesta mal-Ordni meta kienu jarrestaw kriminali minn knejjes.[7] Ukoll jekk xi ħadd maħrub kien jieqaf taħt niċċa jew statwa tat-toroq kien igawdi l-immunità tal-Knisja fil-konfront tal-awtorità lajka.[8] L-isptar tal-Ordni jew is-*sacra infermeria* tal-Belt kienet tgawdi l-privileġġ ta' santwarju jew immunità, ħlief f'każi ta' qtil, u wħud mir-refuġjati kienu jinżammu

> "L-isptar tal-Ordni jew is-sacra infermeria tal-Belt kienet tgawdi l-privileġġ ta' santwarju jew immunità, ħlief f'każi ta' qtil"

hemm sakemm ikunu jistgħu jħarrbuhom fuq xi bastiment.[9] Il-knisja ta' Nibbia qrib l-Infermerija tal-Belt kienet tgawdi l-immunità imma kienet daħlet f'tilwim bejn l-Ordni u l-Knisja biex fl-1761 tilfet il-privileġġ għal xi sena.[10]

"Fl-1765 il-Gran Mastru Pinto llitika mal-Inkwiżitur għax skjavi minn tiegħu ħarbu u marru jieħdu kenn il-Birgu bl-iskuża li riedu jsiru Nsara."



*L-istatwa ta' Pinto, xogħol Cutajar Zahra*

## Immunità pikuża u ta' tfixkil

Fl-1674 il-Gran Mastru kien talab lill-Isqof biex iħalli s-suldati tiegħu jidħlu fil-knisja tal-Karmnu tal-Birgu biex jaqbdu lil wieħed li kien maħrub minn bastiment suspettat bil-pesta waqt kwarantina. Ukoll jekk dan kien jidher sew li hu każ urġenti u serju, l-Isqof ħadha bil-lajma u dam tliet xhur biex tah il-permess![11] L-Isqof Alferan ukoll kellu hu stess jitlob il-permess tal-Kongregazzjoni tal-Privileġġi biex jista' joħroġ mill-knejjes refuġjati bil-pesta biex jgħaddihom lis-sanità![12] Fl-istess knisja tal-Karmnu tal-Birgu, raġel kien ħarab mill-ħabs tal-Inkwiżitur. Meta l-Inkwiżitur ried jieħdu lura, il-Kurja ma ħallitux u meta appella lill-Kongregazzjoni ta' Ruma ordnawlu biex lil dan ir-raġel iħallih hemm.[13] Il-kotra tal-iskjavi ma kinux Insara imma biex ikollhom privileġġi wħud minnhom kienu jgħidu li jridu jikkonvertu. Fis-seklu dsatax, il-konslu Ingliż kien imur jiċċekkja mal-kunventi ta' Santa Tereża ta' Bormla u ma' tad-Dumnikani tal-Belt biex jara kienx hemm baħrin Ingliżi maħrubin minn fuq il-bastimenti. Biex jibqgħu fil-kenn dawn kienu jgħidu li kienu jridu jikkonvertu.[14]

Fl-1765 il-Gran Mastru Pinto llitika mal-Inkwiżitur għax skjavi minn tiegħu ħarbu u marru jieħdu kenn il-Birgu bl-iskuża li riedu jsiru Nsara.[15] Il-ħafna knejjes imxerrdin mal-kampanja ġa kienu qed jinkuraġġixxu protezzjoni ta' kriminali, imma bis-saħħa tal-*crimina excepta* l-Isqof kien jista' joħroġhom u jixlihom fil-qorti tiegħu u jekk isibhom ħatja jgħaddihom lill-awtoritajiet lajċi. Madankollu l-akkużat kellu l-faċilità li jappella lill-Kongregazzjoni tal-Immunità f'Ruma u l-każ kien idum iġebbed ix-xhur.[16] Fil-knisja ta' San Ġwann fiċ-ċimiterju tar-Rabat t'Għawdex sikwit kienu jistkennu ħallelin għax kienet tgawdi l-immunità ekkleżjastika. Fl-1639 wieħed qatel lil martu u mar fiha għall-protezzjoni u ħadd ma seta' jagħmillu xejn. Saħansitra kienu jmorru l-ħbieb jeħdulu l-ikel! Dawn il-kriminali apertament jgħixu fiċ-ċimiterju u l-knisja kienu jisfidaw l-awtorità taħt il-protezzjoni tal-knisja. Fl-1640, il-Gvernatur t'Għawdex ħareġ bandu biex javża li kull min jinqabad jieħu l-ikel lil dawn il-kriminali kien jeħel multa jew qdif fuq il-galeri.[17]

Il-Gran Mastru Lascaris kien ilmenta dwar iż-żieda fil-kriminalità minħabba

l-immunità. Wieħed maħrub mill-galeri mar jistaħba fis-sagristija tal-knisja mitluqa ta' Portu Salvu tal-Isla li kienet isservi ta' mandra għall-majjali. Meta nqabad u ttieħed, l-Isqof ipprotesta għax dik ukoll kienet santwarju![18] Gruppi ta' kriminali kienu mifruxin fil-knejjes tal-kampanja bil-kumdità kollha qishom liberi, saħansitra bin-nisa għall-kumpanija! Nies privileġġjati (mhux reliġjużi) bl-immunità tal-knisja kien hemm xi 6000, mitejn minnhom mal-inkwiżitur![19] Mhux ta' b'xejn li kultant Pintu kien jinjora l-privileġġi u jagħmel ta' rasu. Każ magħruf huwa dak tal-1775 tar-rewwixta tal-qassisin kontra l-Ordni, meta hawn l-awtorità lajka tal-gvern tal-Ordni kellha bilfors tieħu passi kontra l-ekkleżjastiċi.[20] Fis-seklu tmintax, meta l-kriminalità kienet fl-aqwa tagħha, sitt irġiel maħrubin marru biex jistkennu fil-knisja parrokkjali l-qadima ta' Birkirkara imma billi sabuha magħluqa nqabdu, imma gidbu mal-awtoritajiet tal-Knisja u akkużaw lis-suldati li kienu qabduhom meta kienu fil-knisja.[21] Ukoll meta din il-knisja l-qadima kienet abbandunata u mtliet kriminali jabitaw fiha, grupp minnhom ħarġu biex jisirqu mal-lejl imma rawhom is-suldati tal-għassa, sparaw fuqhom, qabdu wieħed u qatlu ieħor; Pinto ordna li ras il-mejjet titwaħħal fuq kolonna bejn Birkirkara u Ħal Lija.[22]

Fl-1777, il-Gran Mastru De Rohan talab Ruma biex ikun jista' joħroġ mill-knejjes suldati, forzati, skjavi, bonavolja u oħrajn maħrubin, imma l-Kongregazzjoni tal-Immunità rrifjutat it-talba tiegħu.[23] Hu kien illimita l-immunità għal ksur minimu tal-liġi.[24]

## Eżempji ta' refuġjati

Fl-1667, fl-Imdina, wieħed korra lill-monsinjur tal-Katidral u mar jiġri jistkenn fil-knisja tal-Karmelitani għal diversi jiem. Sikwit kien joħroġ dawra u fi triqtu jistkenn ukoll fil-knisja tas-Salvatur, dejjem fl-Imdina. Meta darba kien barra ħdejn il-knisja tas-Salvatur qabduh l-iżbirri, imma pprotesta għax meta qabduh kien qed iżomm b'idu mal-ħajt tal-knisja![25]

Uħud mir-refuġjati kienu jdumu fit-tul f'xi knisja biex ma jinqabdux. Wieħed kien dam diversi snin fil-knisja ta' Santa Luċija tan-Naxxar sakemm ħarab lejn Sqallija; wara kien bagħat qanpiena tal-bronż bħala ringrazzjament.[26] Fl-1741, wieħed qattiel f'Għawdex daħal fi knisja u dam hemm 30 sena; imma ieħor dam igawdi l-immunità għal 48 sena![27]

> "Fl-1759, il-Gran Mastru Pinto informa lill-Papa li l-kriminali refuġjati fil-knejjes kienu qed ixekklu l-liġi u jżidu d-delitti, u ssuġġerixxa li l-immunità għandha tkun biss fil-knejjes fejn jinżamm is-Sagrament"

Fil-karnival tal-1639, il-Gran Mastru ma riedx li l-kavallieri żgħażagħ idaħħlu n-nisa għal serata divertiment u qal li l-ewwel ried jitlob il-parir tal-Ġiżwita konfessur tiegħu. Dan il-Ġiżwita qabel mal-Gran Mastru. Wieħed kavallier libes ta' Ġiżwita b' tabella kliem kontrihom u l-Gran Mastru arrestah u xeħtu f'Sant'Jiermu. Għalhekk klikka kavallieri akkaniti marru jħabbtu l-bieb tal-Ġiżwiti, sfrundaw il-bieb u daħlu ġewwa jkissru u jixħtu barra kulma ġie għal idejhom. Il-Ġiżwiti daħlu jistkennu fil-knisja tagħhom sakemm l-Ordni eskortathom barra minn Malta.[28]

Fl-1745, wieħed qattiel ġie arrestat waqt li kien fi

knisja. L-Isqof ipprotesta u appella mal-Papa li aċċetta li l-qattiel jibqa' arrestat għal għomru fil-ħabs tal-Imdina. Wara xi għaxar snin appella Ruma. Għaddew is-snin u xeħtuh fil-ħabs tal-Inkwiżitur. Wara aktar snin ġie eżiljat l-Italja biex ma jerġax imur fil-ħabs tal-Ordni fejn kien ikompli jiġi maħqur.[29]

Fl-istess seklu kien hemm dejjem konflitti bejn in-nobbli u l-Ordni ta' San Ġwann dwar privileġġi, titoli u drittijiet u diversi drabi xi nobbli ħa kenn fi knisja. Barunissa bint il-Markiż Testaferrata kienet daħlet f'xi kwistjoni u meta ġew għaliha biex tidher fil-qorti tal-Gran Mastru marret ħadet refuġju fil-knisja ta' San Pawl tal-Belt.[30] Fl-1773 wieħed qassis arluġġar li kellu ħafna dejn, li kien joqgħod fil-Kamerata l-Belt, irranġa li jistaħba ġo altar mobbli li jingħalaq qisu biċċa għamara u jinġarr fuq karrettun lejn il-kunvent ta' Santa Tereża ta' Bormla għall-kenn immunitarju.[31] Skultura dekorattiva fil-ġebel tal-knisja parrokkjali l-antika tax-Xewkija jingħad li saret minn żewġ Sqallin li kienu ħarbu lejn Malta u, waqt li ħadu refuġju bl-immunità tal-knisja fix-Xewkija, ħadmu dak ix-xogħol b'radd ta' ħajr.[32]

Fil-karnival tal-1752, ħalliel li seraq minn diversi ħwienet mar jistaħba fil-knisja tal-Erwieħ tal-Belt, imma tant kien hemm serq dik il-ħabta li l-Isqof ordna li dan jingħata f'idejn il-qrati tal-Ordni.[33] Bl-arroganza tal-Ordni, żagħżugħ kien ilu s-snin jiġi sfurzat kontra r-rieda tiegħu biex isir kappillan konventwali; meta ma riedx xeħtuh fil-ħabs ta' Sant'Jiermu. Ħarab u mar fil-knisja ta' San Franġisk tal-Belt. Il-Gran Mastru arrestah mill-ġdid għal Sant'Jiermu. Fl-1768 reġa' ħarab u stkenn fil-Knisja ta' Sant'Anna fl-istess fortizza. Inqabad mill-ġdid u tefgħuh f'ħofra. Sas-sena ta' wara ħaffer toqba fil-ġenb b'xi biċċa ħadida u ħarab lejn il-Birgu għall-immunità tal-Inkwiżitur. Sadattant sar appell lill-Papa li dam sejjer tant li miet il-Papa u tela' ieħor. Il-biċċa baqgħet tkaxkar is-snin sakemm eskortawh eżiljat f'pajjiż barrani.[34]

## Tispiċċa l-immunità

Fl-1759, il-Gran Mastru Pinto informa lill-Papa li l-kriminali refuġjati fil-knejjes kienu qed ixekklu l-liġi u jżidu d-delitti, u ssuġġerixxa li l-immunità għandha tkun biss fil-knejjes fejn jinżamm is-Sagrament u li jsir xi ħaġa biex tinstab soluzzjoni għal dik il-problema serja. L-Inkwiżitur Passionei qabel ma' Pinto.[35] Il-Papa ta struzzjonijiet lill-Isqof Rull biex lill-kriminali fil-knejjes jagħtihom tlitt ijiem żmien biex jaħarbu mill-knejjes jew imorru l-ħabs tal-Isqof. F'Ħal Qormi kien hemm klikka kriminali refuġjati u l-Isqof ried jittrasferihom fi knisja oħra, imma Pinto ssuġġerielu jibagħtom jaqdfu fuq il-galeri.[36] Fl-1761, (fi żmien meta fil-gżejjer tagħna kien hawn 327 knisja!) l-Isqof irċieva struzzjonijiet minn Ruma biex jirrestrinġi l-immunità għall-knejjes li fihom is-Sagrament. Ir-refuġjati ingħataw ġimagħtejn żmien biex jitolbu lill-Isqof jittrasferihom fi knisja oħra. L-editt tal-Isqof ried li fuq il-bieb ta madwar 255 knejjes żgħar li tilfu l-privileġġ tissammar plakka tal-injam bin-"*non gode . . .* ". Imma nstab li kien hemm xi

"F'Ħal Qormi kien hemm klikka kriminali refuġjati u l-Isqof ried jittrasferihom fi knisja oħra, imma Pinto ssuġġerielu jibagħtom jaqdfu fuq il-galeri."



*Papa Piju VI*



*Il-Gvernatur Fredrick Ponsonby*

intoppi, għax il-knisja żgħira tad-Duluri li hemm f'Ħaż-Żebbuġ ma kinetx tal-Knisja, imma ġuspatronat lajkali affiljata ma' dik tal-Lateran. Għalhekk l-Isqof ħareġ editt ieħor f'Ġunju 1762 biex dawk il-knejjes tal-bliet u l-irħula li għadhom frekwentati sewwa jibqgħalhom l-immunità u spiċċa biex xi 90 Knisja biss tilfu l-privileġġ.[37] Fl-1764, il-Papa abolixxa l-immunità fil-każi ta' delitti serji.[38] Bil-*motu proprio* tal-25 ta' Ġunju 1777 il-Papa Piju VI għamel aktar restrizzjonijiet fl-immunità, fost oħrajn lill-kjeriċi li baqgħu ħielsa mit-tribunali lajċi imma mhux il-mara u t-tfal tagħhom. L-immunità bdiet tapplika biss għall-knejjes parrokkjali u dawk li fihom is-Sagrament u għar-residenzi tal-kappillani u qassisin. Il-maġistrat ingħata d-dritt li jarresta individwi waqt ir-refuġju imma bil-kunsens tal-Isqof. Qattiela u dawk li jaħarqu, jirrikattaw, jaħtfu persuni, jisirqu fid-djar u fit-toroq ġew esklużi mill-immunità.[39] Meta l-Franċiżi daħlu Malta, abolixxew id-dritt tas-santwarju jew immunità ekkleżjastika u ħadu d-dritt li jistgħu jarrestaw nies ukoll fil-knejjes.[40] Ir-riformi tal-gvernatur Thomas Maitland kienu jinkludu l-abolizzjoni tal-immunità tal-knisja f'każi ta' atti kriminali u li l-gvern jista' jarrestahom ukoll mir-refuġju li jkunu fih.[41] Wara ftehim ma' Ruma, il-gvern Ingliż f'Malta bil-proklama tal-10 ta' April 1828 tal-Gvernatur Frederick Ponsonby, abolixxa d-dritt tal-immunità fil-każi kriminali imma ta ċans lill-Isqof jgħaddi lir-refuġjati hu lill-awtoritajiet ċivili qabel jinħarġu bil-forza u stabbilixxa li l-ġuriżdizzjoni tal-Knisja f'Malta u Għawdex tkun tapplika biss għal dak li hu spiritwali.[42]

**Referenzi**


1 Bonnici, Alexander *Storja tal-Inkiżizzjoni f'Malta* III (1994) p.43.
2. Borg-Muscat, David *Reassessing the September 1775 Rebellion; a case of Lay Participation or a Rising of the Priests?* f' *Melita Historica* XIII 3 (2002) p.239-249.
3 Kilin *A Hundred Wayside Chapels of Malta and Gozo* (2000) p.230.
4 Bonnici, Alexander *Storja tal-Inkiżizzjoni f'Malta* II (1992) p.35, 301 & III (1994) p.251, 445; Galea, Mich. *G. M. Em. De Rohan 1775-1797* (1996) p.55; Castagna, P.P. *Lis Storia ta Malta bil Gzejer Tahha* III p.437.
5 Pace, Francis *Il-Gargur, in-Nies u Knejjes Tiegħu* (2000) p.84.
6 Callus, Philip *The Rising of the Priests* (1961) p.8.
7 Bonnici, Alexander *op. cit. (1994)* III p.473.
8 Cachia, Pierre *An Arab's View of XIX Century Malta* in *Maltese Folklore Review* I 3 (1996) p.243.
9 Cassar, Paul *From Holy Infirmory of the Knights to the Mediterr. Congress Centre Valletta* (1983) p.20.

[10] Bonello, Govanni *Histories of Malta V Reflections and Rejections* (2004) p.119, 123, 128.
[11] Micallef, Joseph *The Plague of 1676, 11,300 deaths* (1985) p.12.
[12] Bonnici, Alexander *op.cit.* (1994) III p.227.
[13] Bonnici, Alexander *op.cit.* (1992) II p.301.
[14] Ciappara, Frans *Society and the Inquisition in Early Modern Malta* (2001) p.195-196.
[15] Testa, Carmelo *The Life and Times of Grand master Pinto* (1989) p.267-268.
[16] Callus, Philip *op.cit.* p.9.
[17] Mizzi, Pawlu *Il-Parroċċa t'Għawdex* (1997) p.298, 393-394.
[18] Bonnici, Alexander *Malta u L-Inkiżizzjoni f'Nofs is-Seklu Sbatax* (1977) p.33.
[19] Cavaliero, Roderick *The Last of the Crusaders* (1960) p.129.
[20] Borg-Muscat, David *op.cit.* p.239-249.
[21] Bonnici, Alexander *op.cit.* (1994) III p.451.
[22] SAL & Xuereb, Paul *Birkirkara – Storja, Kolleġġjata, Knejjes Filjali* (2005) p.107.
[23] Borg-Muscat, David *op.cit* p.239-249.
[24] Cavaliero, Roderick *op.cit.* p.93-94.
[25] Bonnici, Alexander *op.cit.* (1992) II p.98.
[26] Friggieri, Robert Catania, Paul & Scerri, Louis J. (ed.) *Naxxar, a Village and its People* (2000) p.221.
[27] Testa, Carmelo *op.cit.* p.237.
[28] Zammit Ciantar, J. *The Expulsion of the Jesuits from Malta in 1639* f'*Symposia melitensia* I (2004) p.9.
[29] Bonnici, Alexander *op.cit.* (1994) III p.253.
[30] Montalto, John *The nobles of Malta 1530-1800* (1979) p.202-203.
[31] Bonello, Giovanni *Histories of Malta II, Figments and Fragments* (2001) p.89.
[32] Zammit, Vincent *Il-Mużewijiet f'Malta* (2002) p.145.
[33] Bonnici, Alexander *op.cit.* (1994) p.176-178.
[34] *Ibid.* p.331.
[35] *Ibid.* p.176-178.
[36] Ciappara, Frans *op.cit.* p.117-123.
[37] *Ibid.* p.117-123.
[38] Testa, Carmelo *op.cit.* p.241.
[39] Bezzina, Joseph *L-Istorja tal-Knisja f'Malta* (2002) p.179-180; Laferla, A.V. *The Story of Man in Malta* (1972) p.121-122; Ciappara, Frans *op.cit.* p.117-123.
[40] Galea, Michael *The Life and Times of Vincenzo Labini* (1980) p.40.
[41] Harding, Hughe *Maltese Legal History Under British Rule 1801-1836* (1968) p.59-60; Mizzi, Edgar *Malta In The Making* (1995) p.221.
[42] Gauci, Anton *Pajjiżi Taħt l-Ingliżi* (1993) p.8; Laferla, A.V. *British Malta* I (1976) p.121; Bezzina, Joseph *op.cit.* p.179-180; Bezzina, Joseph *Religion and politics in a Crown Colony* (1985) p.146; Ciappara, Frans *The Roman Inquisition in Enlightened Malta* (2000) p.230; Attard, Edward *A History of the Malta Police 1800-1964* (2003) p.17.